

32006R1642

8.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 38/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1642/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 fir-rigward tal-limiti tal-qbid għall-istokk tal-laċċ ikħal fiż-żoni ICES IIa (ibħra tal-KE) u IV (ibħra tal-KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi għall-2006 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet marbuta ma' ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra tal-Komunità u, għall-bastimenti tal-Komunità, fl-ibħra fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet tal-qbid (⁽¹⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(7) tiegħu;

Billi:

- (1) Limiti preliminari tal-qbid għal-laċċ ikħal fiż-żoni ICES IIa (ibħra tal-KE) u IV (ibħra tal-KE) huma stipulati fl-Annessi IA tar-Regolament (KE) Nru 51/2006.
- (2) Skond l-Artikolu 5(7) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-limiti tal-qbid fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura matul l-ewwel nofs ta' l-2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

(3) Fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura fl-ewwel nofs ta' l-2006, il-limiti tal-qbid għal-laċċ ikħal fiż-żoni konċernati għandhom jitnaqqsu.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 għandu għalhekk jiġi emendat

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IA mar-Regolament (KE) Nru 51/2006 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 16, 20.1.2006, p. 1.

ANNESS

L-Anness IA mar-Regolament (KE) Nru 51/2006 huwa emendat kif ġej:

Il-partita dwar l-istokk tal-laċċ ikħal fiż-żoni IIa, (ibħra tal-KE) u IV (ibħra tal-KE) tinbidel b'li ġej:

“Speċi:	Laċċ ikħal <i>Sprattus sprattus</i>	Żona: IIa (ibħra tal-KE), IV (ibħra tal-KE) SPR/2AC4-C
Il-Belġju	1 787	TAC ta' prekawzjoni
Id-Danimarka	141 464	japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Il-Ġermanja	1 787	japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
Franza	1 787	japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru 847/96.
L-Olanda	1 787	
L-Iżveżja	1 330 (¹)	
Ir-Renju Unit	5 898	
Il-KE	155 840	
In-Norveġja	10 000 (²)	
Il-Gżejjer Faroe	9 160 (³)	
TAC	175 000	

(¹) Inkluż iċ-ċiċċirell

(²) Jista' jiġi mistad biss fis-sub-żona IV (ibħra tal-KE).

(³) Din il-kwantità tista' tiġi mistada f'IV u VIa fit-tramuntana ta' 56° 30' N. Il-kwota tinkludi qabda sekondarja massima ta' 1 832 tunnellata ta' aringi. Jekk din il-kwota ta' qabdet sekondarji tiġi eżawrita, imbagħad is-sajd mill-Gżejjer Faroe permezz ta' xbieki b'daqqs tal-malji li hu inqas minn 32 mm huwa pprojbit fl-ibħra Komunitarji. Kwalunkwe qabdet sekondarji ta' stokkafixx (putassa) għandhom jingħaddu bħala proporzjon tal-kwota stabbilita għall-istokkafixx stabbilita għaż-żoni tas-sajd VIa, VIb u VII.”